MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru. 444/2008

Il- Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

-vs-

Brian Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Brian Mallia ta’ 33 sena iben Louis u Alfrida xebba Borg imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Lulju 1974 u li joqghod il-Facilita Korettiva ta’ Kordin, detentur tal- karta ta’ l- identita bin- numru 321374M.

Talli gewwa l- Gzira nhar it- 22 ta’ Frar, 2005, f’ xi hin bejn it- 1500hrs u l- 1600hrs, ikkommetta serq ta’ flus u oggetti tad- deheb mill- fond numru 20, Triq l- Immakulata Kuncizzjoni, Gzira, liema serq jeccedi € 232.94 izda ma

jeccedix € 2,329.37, u dan sar ghad- dannu ta’ Giuzeppa Borg (mara anzjana) mill- Gzira u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- valur u bil- lok.

Kif ukoll talli fl- istess data, hin, u cirkostanzi, volontajament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l- €11.65 izda li ma teccedix €116.47, u dan ghad- dannu ta’ l- imsemmija Giuzeppa Borg u/jew persuni ohra;

U fl- ahhar nett talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- artikoli 49, 50, u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenzi moghtija lilu mill- Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li f’l-udjenza mizmuma illum 25 ta’ Gunju 2008 l-imputat Brian Mallia ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien biex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz il-fedina penali ta’l-imputat.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269, 289, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat,

Illi f’l-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-fedina penali ta’ l-imputat, li hija wahda refrattarja, l-imputat instab hati ta’ diversi reati, fil-bicca l-kbira taghhom serq, kommessi fuq medda ta’ snin. Ghal dawn ir-reati huwa gie kkundannat ghal xi perjodu ta’ prigunerija oltre li nghata sentenzi sospiza u anke tpogga taht ordni ta’ *probation*.

Dan pero ma tantx jidher li serva wisq bhala deterrent ghall-imputat.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll l-ammissjoni f'l-aktar sradju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269, 289, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' erbatax (14) il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------